# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2016

**Kawza Numru : 23**

**Rikors Numru : 577/2009 JPG**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) f'isimiha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Pro-Health Limited abbazi tal-polza t'assigurazzjoni u tal-ligi;**

**VS**

**Jet Services Limited C-16337 u John Abela Limited C-18181**

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors mressaq fil-11 ta' Gunju 2009, tar-rikorrenti li jaqra hekk:

1. *""Illi is-socjeta' rikorrenti tassigura lis-socjeta Pro-Health Limited li minn-naha taghha pruvat timporta gewwa Malta kwantita' ta' kosmetici u oggetti simili minghand id-ditta "L-'Oreal" tas-Slovenia, liema oggetti kellhom valur ta' €151,555.89 u dana skond invoices li igibu in-numri 830012281/2/3/4*

*liema oggetti kienu qed jigu trasportati fil-Camion/trailer li igib in-numru TR307.*

2. *Illi is-socjeta Pro-Health Limited kienet inkarigat lis-socjeta intimata Jet Services Company Limited sabiex tigbor u iggorilha l-imsemmija oggetti mis-Slovenia ghal Malta u jidher li din is-socjeta issubappaltat u per konsegwenza inkarigat lis-socjeta l-ohra John Abela Limited sabiex taffettwa l-istess tragitt lejn Malta.*

3. *Illi filwaqt li l-imsemmija oggetti kienu fil-pussess u taht il-kura u kontrol tas-socjetajiet intimati jew min minnhom jidher li l-istess oggetti insterqu u b'hekk qatt ma waslu f'Malta.*

4. *Illi id-danni sofferti mis-socjeta assigurata jammontaw ghall-valur ta' €151,555.89, skond ma jirrizulta mir-rapport maghmul mis-surveyor mqabbad mis-socjeta rikorrenti, u ghalhekk is-socjeta rikorrenti giet surrogata fid-drittijiet taghha abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi. Hija nefqet ukoll is-somma ta' €3487 bhala drittijiet ghas-survey.*

5. *Illi l-istess danni gew kawzati b'risultat ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni tal-intimati jew ta' min minnhom.*

6. *Illi is-socjetajiet intimati mitluba diversi drabi sabiex jaghmlu tajjeb ghall-istess danni baqghu inadempjenti.*

7. *Jghidu ghalhekk is-socjetajiet intimati jew min minnhom ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tiddikjarahom jew min minnhom responsabbli ghad-danni subiti mill-assigurata tas-socjeta rikorrenti, li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta assikuratrici rikorrenti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, [2] jigu likwidati id-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €155,042.89 (kwantu ghall-€151,555.89 bhala danni attwali u €3487 bhala spejjes ghall-otteniment tas-survey), jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, u*

*dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, [3] jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din il-Qorti, [4] jigu ikkundannati ihallsu l-imghax legali mid-data tal-pagament lis-socjeta assigurata u cioe' mill-5 ta' Settembru 2008 sal-gurnata tal-effettiv pagament – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

8. *Bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra legali u tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment mal-presenti kontra is-socjetajiet intimati li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Jet Services Limited tad-9 t'Ottubru 2009 (a fol. 27 et seq) li taqra hekk :

1. *"Illi preliminarjament, kif fil-fatt jikkonferma ir-rikorrenti, il-merkanzija in kwistjoni giet migbura minn agent ta' l-esponenti li poggew il-merkanzija fid-depozitu (depot) ta' l-istess esponenti barra minn Malta, u imbaghad l-kumpannija John Abela Limited ittrasportat din il-merkanzija sabiex twassalha gewwa d-depozitu (depot) ta' l-intimati Malta. Illi matul it-trasport waqt li l-merkanzija in kwistjoni kienet fil-pussess ta' John Abela Limited, din insterqet u ghalhekk isegwi li l-esponenti qatt ma jistghu jkunu responsabbli ghal hlas lura stante li m'ghandhom l-ebda* ***htija*** *fl-inkarigu li kellhom jwettqu;*

2. *Illi l-merkanzija in kwistjoni ma kienitx fil-**pussess** ta' l-esponenti izda jigi dikjarat li l-merkanzija in kwistjoni giet misruqa waqt li kienet ghand terzi ossia l-intimat John Abela Limited li kellhom jikkonsenjaw l-merkanzija indikata mir-rikorrenti lill-esponenti;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess li kull xoghol li ghalih tigi nkarigata l-kumpannija Jet Services Limited hija dejjem regolata mill-*

***Kap.486*** *(Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija) a bazi tal-kundizzjonijiet CMR, u ghaldaqstant kwalsiasi responsabilita' li din l-Onorabbli Qorti thoss li tista tkun ta' l-esponenti hija dik stipulata mill-ligi u mhux dik mitluba mir-rikorrenti;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-surveyor inkarigat mir-rikorrenti jghid hu stess li l-ammont assikurat ma jeccedix Lm50,000 (il-hamsin elf Lira Maltin);*

5. *Illi inoltre, l-esponenti ma agixewx b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'imperizja, jew nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni ta' l-intimati jew ta' min minnhom, u ex delictu, l-esponenti m'humiex responsabbli lejn hadd ghad-danni rikjamati (u dan kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza) stante li l-esponenti u l-impjegati taghha ma agixxewx colpozament u multo magis, lanqas ma jista' jinghad li agixxew dolozament, izda dejjem agixxew skond dak li tirrikjedi l-ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ta' John Abela Limited tas-16 ta' Novembru 2009 (a fol. 36 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament l-esponenti jissottomettu li huma m'ghandhom l-ebda relazzjoni mar-rikorrenti u qatt ma gew inkarigati mill-istess rikorrenti – isegwi li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti li ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ta' din il-kawza;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost matul it-trasport waqt li l-merkanzija in kwistjoni kienet fil-pussess ta' John Abela Limited, din insterqet. Illi l-esponenti hadu l-passi u prekawzjonijiet kollha waqt l-inkarigu moghti lilhom;*

3. *Illi jigi sottomess li kull xoghol li ghalih tigi nkarigata l-kumpannija John Abela Limited hija dejjem regolata mill-**Kap.486** (Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija) a bazi tal-kundizzjonijiet CMR, u ghaldaqstant kwalsiasi responsabilita' li din l-Onorabbli Qorti thoss li tista tkun ta' l-esponenti hija dik stipulata mill-ligi u mhux dik mitluba mir-rikorrenti;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-surveyor inkarigat mir-rikorrenti jghid hu stess li l-ammont assikurat ma jecedix Lm50,000 (il-hamsin elf Lira Maltin);*

5. *Illi sabiex issir talba kontra l-esponenti dawn ghandhom jithallsu tan-noll, liema noll qatt ma thallas;*

6. *Illi inoltre, l-esponenti ma agixewx b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'imperizja, jew nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni ta' l-intimati jew ta' min minnhom, u ex delictu, l-esponenti m'humiex responsabbli lejn hadd ghad-danni rikjamati (u dan kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza) stante li l-esponenti u l-impjegati taghhom ma agixxewx colpozament u multo magis, lanqas ma jista jinghad li agixxew dolozament, izda dejjem agixxew skond dak li tirrikjedi l-ligi;*

7. *Illi l-esponenti jitolbu sabiex jigu kjamati fil-kawza Millenium Insurance Agency Limited li huma l-assikurazzjoni ta' l-istess esponenti.*

*Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tighgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet ta'din il-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta' Dicembru 2009 fejn innominat lil Dr. Gabrielle Buttigieg bhala Perit Legali (a fol. 34);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Atlas Insurance PCC Limited (C5601) tal-25 t'April 2014 (a fol. 143 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jet Services Limited (C16337) tal-15 ta'Settembru 2014 (a fol. 165 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' John Abela Limited tat-8 t'Ottubru 2014 (a fol. 180 et seq.);

Rat in-nota t'eskussjoni ta' Dr.Gabrielle Buttigieg tat-8 ta' Mejju 2015 (a fol. 198 et seq.);

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr.Gabrielle Buttigieg tat-13 ta'Mejju 2015 (a fol. 201 et seq);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr.Gabrielle Buttigieg prezentat fl-20 ta' Jannar 2015, u mahluf fis-16 ta' Frar 2015 (a fol. 209 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Joseph Mangion** fl-affidavit u fix-xhieda tieghu a fol. 42 u 224 et seq xhed illi kien *Marine Cargo Claims Handler*, ikkonferma il-claim maghmul minn Pro-Health Limited fl-ammont ta' €151,555.89 dwar merkanzija li ghat-trasport taghha kienet giet ingaggata Jet Services Limited, liema merkanzija giet misruqa waqt it-tragitt.

Din il-merkanzija kienet koperta b'polza t'assigurazzjoni "*Marine Open Cover Policy*", illi hija polza ta' l-assikurazzjoni li tassikura konsenji, kollha li ordna l-klijent minn barra, u cioe' mhux ghall kull konsenja jaghmel kuntratt gdid ta' l-assikurazzjoni. Il-klijent jaghti rendikont kull xahar, jew hekk kif ikun miftiehem, tal-konsenji li dahlu, *"bazikament we tailor make it to the client."*

Mistoqsi jekk f'din il-polza hemm xi limitazzjonijiet, Mangion wiegeb li f'kull tip ta' polza ikun hemm limitazzjonijiet.

In ri-ezami xehed illi "It-termini u l-kondizzjonijiet tal-polza jigu miftehema f'parametri li jigu ffissati minn qabel u mhux ma' kull tragit. Hi intiza biex taghti flessibilita' lill-klijent biex mhux ghal kull shipment li jkollu dejjem irid icemplilna."

**Andrew Paris xehed** fl-affidavit tieghu a fol. 46, u fix-xhieda tieghu a fol. 225 et seq. sostna li kien Direttur ta' Pro-Health Limited. Paris ikkonferma li tragitt tal-merkanzija taghha (skond invoice AP1) ghall-liema tragitt inkariga lil Jet Services Limited. Ikkonferma li l-merkanzija kienet assigurata mas-socjeta' attrici u li kienu gew infurmati minn Jet Services Limited li l-merkanzija kienet nsterqet u li Jet Services Limited kienet inkarigat lil John Abela Limited biex igorrha.

Andrew Paris iddikjara li Atlas Insurance kienet thallsilhom il-valur tal-merkanzija cioe' €151,555.89 u gew surrogate fid-drittijiet – Dok. AP3. In kontro-ezami a fol. 225 et seq Paris xhed illi l-polza t'assigurazzjoni kienet *'Marine open cover policy'*. Huwa stqarr illi kull meta jkollhom konsenja lesta biex titlaq, jcemplu u javzaw li x-xoghol kien lest u huma jiehdu hsieb il-*freight*, id-dokumentazzjoni tal-clearance u jtellawhom ghall-imhazen tas-socjeta' attrici.

L-arrangament kien *'door to door carriage'*, jigifieri li jingabru mis-*suppliers* tas-socjeta' attrici u jigu mwassla lill-imhazen taghhom. Meta qabbadu lil Jet Services Ltd, ftehmu maghhom li kull meta jkollhom xoghol, jikkuntatjawhom u jhallu f'idejhom. "*Ilna nahdmu ma' Jet Services Ltd ghal xi 10 snin, u ghadna nahdmu maghhom. Jet Services Ltd, sa fejn naf jien, qatt ma offrulna xi polza ta' l-*

*assikurazzjoni."* Mistoqsi dwar il-kondizzjonijet tal-garr xhed illi ma jafx x'inhuma. "*Ahna nhallsu skond is-servizz x'inhu.*" Paris xhed li qatt kellhom kwistjonijiet fuq rati, minkejja li ma kien l-ebda ftehim bil-miktub fuq rati. Assuma li, jhallsu skond il-piz u mhux fuq il-valur tal-prodott.

Paris ma kienx jaf jekk il-CMR conditions applikaw f'dan il-kaz. Lanqas ma kien jaf dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-garr. Jet Services Ltd qatt ma offrew s-servizz ta' *insurers*, izda kellhom servizz ta' *transporters*. Mistoqsi jafx min kien qed igorr il-merkanzija in kwistjoni, xhed illi sar jaf wara.

Paris kien bic-cert li l-polza kienet '*Marine oper cover policy'*, u ghandhom wkoll *'commercial all risks policy'* dwar l-aspetti l-ohra tan-negozzju taghhom

**Carmel Abela** xehed a fol. 228 et seq illi kien direttur ta' kumpanija tat-trailers li jisimha 'John Abela Limited'.

Abela xhed li kien imqabbad minn Jet Services Ltd biex igorr *trailer* ghal Malta taht ic-CMR *conditions* u li ghalhekk ma kellhux x'jaqsam mas-socjeta' attrici Pro-Health Limited. Mid-dokumenti rrizultalu li din il-konsenja ta' Pro Helath originat minn Slovenja ex Yugoslavia, giet ihhandlejatha taht ic-CMR *conditions*. Mad-dokumenti li ghadda lil Jet Services, kien hemm ic-CMR *consignment note*, li tghid li x-xoghol kien telaq minn Slovenja ghall-Italja u mbaghad ghal Malta. Il-haddiem tieghu, Savo Pecanin, sab it-*trailer* gia mghobbi minghand id-ditta 'Fert Ltd', li kienu l-agenti ta' Jet Services Ltd. X'kien fih ezatt it-*trailer* minn gewwa ma kienx jaf, ghax dan kien maghluq u s-sealjat.

Id-*driver* gie moghti struzzjonijiet sabiex jorqod fit-*truck* imqabbad mat-*trailer* hdejn il-*warehouse* tal-Fert. Din kienet l-procedura normali, biex dejjem jimxu mac-CMR *regulations*. Filghodu ghall-habta tas-6:00 jew 7:00 am, gie infurmat d-*driver* Savo Pecanin kien gie misruq.

Ghalhekk infurmaw mal-ewwel lill-*insurance* taghhom, li huma 'Millenium Insurance Agency Ltd', tramite il-*broker* 'Peak Insurance Brokers Ltd'. Huwa kien ta

istruzzjonijiet sabiex jigu informati l-Pulizija, li gew fuq il-post, u x-xufier kien rrilaxxa stqarrija li qed giet ezebita u mmarkata bhala Dok.CA1.

L-*insurance* inkarigat lis-*surveyor* Taljan, waqt li Carmel Abela tela'l-Italja flimkien mad-*driver* fil-post fejn insteraq it-*trailer* – l-access sar fl-17 ta' Lulju 2008; is-serqa saret fit-28 ta' Gunju 2008. Ix-xhud Lino Abela u d-*driver* kienu prezenti ghall-access li ghalih attenda rapprezentant ta' Fert Ltd, Sergio Zanzaretta. Id-*driver* tieghu, fil-prezenza tieghu, irrilaxxa *statement* lis-*surveyor* tal-*insurance* tieghu, li gie ezebit u mmarkat Dok.CA2.

Carmelo Abela xhed illi skond l-*insurers* tieghu,  u skond s-*survey report* Taljan, s-socjeta' John Abela ma kienux responsabbli  ghad-danni u kien ghal din ir-raguni li pprova jikkjama fil-kawza l-*insurers* tieghu. Savo Pecanin ma baqax jahdem mieghu. Dan spicca fl-31 ta' Lulju 2010. L-*insurance* tieghu talbunu biex jintraccah biex jikkonferma dak l-*istatement* (Dok.CA1, Dok.CA2) taht gurament hawn Malta, Gie ezebit l-affidavit ta' Savo Pecanin u mmarkat bhala Dok.CA3.

Abela xhed " *"Jiena qatt ma gejt notifikat b'xi ittri minn Atlas Insurance jew minn xi surveyors taghhom biex ikellmuni dwar il-kaz."*

In kontro-ezami a fol. 230 xehed illi:

> *"L-impjegat taghna gabar it-trailer mill-gate il-barra ta' Fert. Kellna nikkonsenjawha hawn Malta, Hal Far Bonds tal-Jet Services. Din il-konsenja kienet groupage load. It-trailer ipprovdajnieh ahna, hallejnieh vojt fil-warehouse tal-Fert (l-agenti tal-Jet Services Ltd), imlewh il-Fert – dan kien wiehed minn 3 trailers dakinhar. Imbaghad kelli driver, Goran, li johrog it-trailers barra u jzomm it-trailer tieghu u t-trailers l-ohra jghamlilhom is-safety locks sakemm jigu d-drivers taghhom. Le, m'ghandix is-sekwenza ta' kif tghabba il-cargo. Is-security lock hija hadida b'katnazz, jigifieri truck iehor ma jistax jaqbdu jekk xi hadd ma jiftahlux is-security lock. Iz-zewg*

> *trailers l-ohra inzammu fl-istess postijiet. Kull trailer ikoll truck wiehed u xufier wiehed."*

**Gaston Degiovanni** a fol. 57 et seq u 232 et seq, xhed illi xoghlu kien ta' *surveyor* u *loss adjustor*. Huwa kien gie inkarigat minn Atlas Insurance biex jinvestiga claim ta' Pro-Health Limited dwar il-merkanzija allegatament misruqa u ghalhekk hejja rapporti Dok.GD1, GD2, GD3.

Huwa xhed illi ma rrizultalu ebda kondizzjoni tal-garr. Huwa xhed illi t-trasportur kien gabar il-merkanzija minn l-Oreal fis-27 ta'Gunju 2008 kif jirrizulta mill-*consignment note* Dok.GD4. Il-merkanzija ttiehdet gewwa, *Consolidation Depot* u din il-merkanzija, flimkien ma merkanzija ta' terzi, tghabbiet fuq *trailer* TR 367 ghat-tragitt lejn Malta. Fit-28 ta'Gunju 2008 s-sewwieq tat-*trailer* pparkja f'Ciso Europa di Lainate f'Milan, u informahom dwar is-serqa. It-*trailer* ma kienx mghammar b'apparat kontra s-serq (Vide Dok GD5). Degiovanni xhed li kien kkonkluda li l-merkanzija ta' Pro-Health Limited kienet insterqet u Jet Services kienet inkarigat lil John Abela Limited biex jgorrha u dan minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Pro-Health Limited.

Minhabba nuqqas t'apparat kontra s-serq u minhabba li t-tragitt kien ghadda mill-Italja li kienet rennomata ghas-serq, u minhabba li ma kienx sar ebda arrangement ghal *safe parking*, Degiovanni kkonkluda illi t-trasportatur ma kienx agixxa b'modd prudenti.

Huwa ccita mill-*guidelines* tal-FIATA Federazzjoni Internazzjonali ta' Trasportaturi fuq it-Triq li jinkludu:

a) Installazzjoni ta' anti theft device li ghandha tkun attivata anki f'assenza qosra;
b) *Driving crew* ta' zewg persuni jew sewqan ta' *convoy* ta' 2/3 il-*trailer*;
c) Waqfien *f'carparks* mghammra bi gwardi;
d) Sewqan matul il-lejl ghandu jigi evitat;
e) Sewwieq jrid jibqa' on *alert* fil-vicinanzi ta' *restaurants* u hwienet tal-café'

Degiovanni xhed illi thallet is-somma ta' €5122 ghal xoghlu mis-socjeta' attrici.

In kontro-ezami xhed illi qabel ma rrediga r-rapporti Dok. GD1, 2,3 huwa kellem lid-Direttur tas-socjeta' Pro-Health.

Mistoqsi fuq liema xhieda, dokumentazzjoni jew informazzjoni bbaza l-konkluzjonijiet tieghu, xhed illi huwa bbaza ruhu fuq il-*consignment note,* li l-merkanzija ingabret minghand is-*supplier* u l-kontenut tar-rapport tal-Pulizija mahrug minn Milan, fejn gie rrapportat kif t-*trailer* gie misruq u korrespondenza ta' *emails* li ntbaghtet minn Jet Services Ltd lil *consignee,* cioe' Pro Health.

> *"Mistoqsi jekk il-consignment note li jiena ghamilt referenza ghaliha hija ezebita, nghid li l-kelma preciza hija 'collection note', li hija diga ezebita bhala Dok.GD4 annessa mal-affidavit tieghi. Rigward Dok.GD4, din hija lista ta' affarijiet li l-consignee (Pro Health) ikun ordna u l-lista tkun ghaddiet lid-driver li jkun gabar il-merkanzija.*
>
> *Collection note hija document li s-supplier jaghti lil min jigborha. Ix-xufier li jigbor il-merkanzija jiffirma ghaliha u mmedjatament is-supplier jiffirma wkoll li r-ricevitur (Pro Health) li l-merkanzija li kien ordna giet migbura u r-ricevitur hawn Malta javza lill-kumpanija tieghu (is-supplier) min ikun ha jigbor l-affarijiet.*
>
> *Minghajr collection note dawn id-dokumenti, il-polza ta' l-assikurazzjoni marittima ma tirrispondix ghax il-kopertura taht il-polza tibda minn meta jibda t-transit. Kien cert illi l-merkanzija telqet ghax ingabet."*

Degiovanni xhed illi hu ma accediex fuq il-post, fejn sehhet is-serqa, izda kien jaf l-*area*. Mistoqsi kif wasalt ghall-konkluzjoni li t-trasportatur ma kellu ebda mizuri kontra s-serq, sostna illi din l-informazzjoni tinsab fir-rapport tal-Pulizija.

Mistoqsi jekk il-mizuri tas-sigurta' jkunu fuq il-*mechanical horse* jew fuq it-*trailer*, sostna illi jistghu jkunu fuq it-tnejn li huma, pero' l-polza ta' assikurazzjoni li kien inkarigat biex jaghmel is-*survey* kienet fuq il-merkanzija li qieghda fit-*trailers* u mhux fuq il-*mechanical horse*.

Mistoqsi kif wasalt ghall-konkluzjoni li t-trailer u t-truck ma kienux f'post xieraq, sostna li r-rapport tal-Pulizija **juri illi t-*trailer* kienet fit-triq pubblika**. Mistoqsi skond liema regoli kien mexa rigward 'post xieraq', sostna illi dan ghamlu skond *good practice* u *common sense*. Ikkonferma ukoll illi ha ir-regoli tal-FIATA in konsiderazzjoni. Sostna li id-differenza bejn '*guarded car park'* u *`remote area`* kienet illi l-ewwel wahda tfisser li t-*trailer* ikun qieghed gewwa *car park* li huwa *guarded* b'mezzi ta' sigurta', waqt li *'remote area'* hija xi haga li ma taqax gewwa dik id-definizzjoni. Skond ir-rapport ix-xufier kien rieqed fil-kabina tal-*mechanical horse*.

Mistoqsi x'jistipolaw ir-regoli tal-FIATA jew ohrajn dwar jekk il-fatt li x-xufier kien rieqed fil-kabina tal-*mechanical horse* kienx post regolari ghal skopijiet tal-parkeggar. Degiovanni sostna illi r-regoli tal-FIATA ma jidhlux fuq materja ta' fejn jorqod ix-xufier, izda li jikkoncernawhom huwa fejn ghandu jinzamm it-trailer meta ma jkunx qieghed fit-tragit.

Degiovanni wasal ghall-opinjoni tieghu mid-diskussjonijiet li saru mar-ricevituri u mid-dokumentazzjoni li tkun ingabret. Ma hassx li kellu jikkonsulta ma' John Abela Ltd, Jet Services Ltd u x-xufier li kien barra minn Malta.

Pro Health Ltd kienu informawh li qabdu lil xi hadd iehor biex igorr u mhux lil John Abela Ltd. L-arrangament kien li l-merkanzija kellha tingarr minghand il-*premises* tas-*suppliers* l-Islovenja sa Malta. Ma kienx jaf minn fejn sa fejn kienu nkarigati John Abela Ltd.

**Gaston Degiovanni** xehed in kontro-ezami a fol. 238 et seq ezebixxa Dok. GDG1, sa GDG 6. B'referenza ghal pagna 3 ta' l-affidavit tieghu, sostna li t-trasportatur kien gabar il-merkanzija kollha minghand il-fornitur 'L'Oreal' fis-27 ta' Gunju 2008, u

dana jirrizulta mid-*delivery note* mahruga mis-*supplier* u ffirmata mid-*driver*. Ma ftakarx min kien it-trasportatur, pero' dan jirrizulta mill-*consignment note*.

Ma ndagax ma' 'L'Oreal' min kien gabar il-merkanzija, ghaliex il-*consignee* rcieva n-*notice of arrival*. Fir-rigward tat-triq 'Corso Ewropa' u b'referenza ghax-xhieda tieghu tad-9 ta' Dicembru 2010 (pagna 3, paragrafu 3), xhed illi kien hemm numru ta' toroq imdawrin ma' din it-triq. Degiovanni xhed illi sussegentement mar fi triq rilevanti li hija vicina t' *industrial area*.

Degiovanni xhed illi ma kienx jaf u m'ghamilx stharrig dwar min kien t-trasportatur li ha l-merkanzija fil-*consolidation depot* stante li ma kellhiex relevanza ghall-polza.

> *It-trailer kien groupage, li parti mill-groupage cargo kien ta' 'L'Oreal'.* ***Dan it-trailer groupage jappartjeni ghal John Abela Ltd.*** *In kwantu jirrigwarda l-ezercizzju fil-consolidation depot, nghid illi dak illi sar huwa rrelevanti ghall-kaz quddiemna, peress illi ghalkemm ir-ricevitur kien ircieva n-notice of arrival relattiva, sussegwentement kien gie informat illi ma kienitx se ssir il-konsenja minhabba li kien insteraq it-trailer.*
>
> *B'referenza ghal paragrafu 4 ta' l-affidavit tieghu, u sostna illi John Abela Ltd kienu gabu l-konsenja minghand is-supplier. Dan irrizulta minghand mill-consignment note (Dok.GD4).*
>
> *Jirrizultali li d-driver kien rieqed fit-truck. B'referenza ghal pagna 2, paragrafu 2 ta' l-affidavit tieghi, nghid illi tant kien hemm bzonn dan l-anti theft device, ghax skond r-rapport li ghamel id-driver stess, lill-Pulizija nsteraq it-trailer minghjar hu ma nduna, waqt li d-driver kien qieghed fit-truck. Dan it-trailer kellu jigi shipjat minn Genova ghal Malta. Minn 'Corso Umberto' sa Genova nghid illi hemm boghod ta' si saghtejn u nofs bil-karozza. Degiovanni xhed li kellem lis-surveyor Paul Ellul.*

> *L-ammont ta' €5122 jinkludi surveys fuq konsenji ohrajn ukoll. Huwa kkonferma li l-FIATA regulations, jaghmlu distinzjoni bejn "prior to the start of an international road transport" u "during the journey", bhal ma jghamlu ukoll guidelines ohrajn fuq security freight transit.* – Vide fol. 239 u 240.

B'referenza ghal Dok.GD1, minkejja li ried jkellem lil John Abela Ltd, sab li s-socjeta attrici kellha evidenza bizzejjed li l-merkanzija ta'Pro Health, li kienet koperta bil-polza, telqet minghand is-supplier, izda ma waslitx ghand ir-ricevitur, u ghaldaqstant, kienet taqa' fit-termini tal-polza. Infatti is-socjeta' assiguratrici kienet hallset. Sussegwentement il-kumpanija ta' l-assigurazzjoni iddecidiet li tipprocedi bir-*recovery action* hija stess.

**Andrew Paris** in kontro-ezami a fol. 242 et seq xehed illi l-merkanzija ta' 'L'Oreal' kienet telqet minn Slovenija, u li Olvin Galea minn Jet Services kien kellmu.

Paris xhed li kien kellem ukoll lil Joe Cremona, l-*broker* taghhom, u eventwalment tkellem mas-*surveyor* ta' l-Atlas, Gaston De Giovanni li nghata l-*invoices* kienu gabu mis-*suppliers* u d-dokumenti tramite il-*broker* : *"Kienu l-Jet Services wara l-incident li qaluli li l-merkanzija kienet ingabret minn Slovenja minn John Abela Ltd."* - Vide fol 243.

**Angelino Abela** xehed a fol. 244 illi kien *operations manager* ma' John Abela Ltd, nkarigati biex jikkoordina l-*loads* u t-trakkijiet, bid-dettalji u l-istruzzjonijiet tal-klijenti, bit-telefon u l-*email*, fosthom Jet Services Ltd u hafna ohrajn. Angelino xhed li kien jaghmel xoghol ta'*driver*, u *operations manager*.

Huwa sostna li it-*trailer* kien ta' Jet Services Ltd u kellu struzzjonijiet minghand l-agent taghhom biex jibghatu *trailer* il-Gimgha wara nofsinhar, li hija prassi li ssir kull gimgha, is-sena kollha (52 *weeks*):

> *"Ahna nissuplixxu s-servizz ta' trukk u trailer. Id-driver jipparkja taht ir-rampa tal-warehouse u l-agent ghandu n-nies tieghi biex jghabbuh bil-merkanzija u t-trukk, bil-mod li jahsbu huma. Le, id-driver ma jkollux informazzjoni dwar il-kontenut. Kull ma jkollu hija kopja ta' CMR mahruga minghand l-agent stess, li f'dan il-kaz kien 'Fert Logistics', bil-kwantita' ta' packages, il-kwantita' kumplessiva tal-weight u bhala kontenut ikun 'groupage cargo'."* Vide fol. 245

Wara li d-*driver* ikollu t-*trailer* lest, bhala regola, minhabba r-regolamenti tal-hinijiet, id-*drivers* jorqdu fl-istess post tal-agent. Kienet *area* li kienet vicin hafna ta' l-awtostrada, u zona fejn hemm hafna agenti internazzjonali li joffru dan is-servizz u jkun hemm hafna trakkijiet u *kiosks* tad-*drinks* u l-ikel. Jghaddu ukoll karozzi tal-vigilanza.

Minn hemmhekk, it-trakk ikollu jaqbad l-awtostrada u jsuq dirett ghal Genova Porto, fejn kull nhar ta' Sibt ikun hemm vapur biex jghabbi t-*trailers* kollha ghall-Malta. Dan il-vjagg mill-*warehouse* sa l-port jiehu bejn tliet sieghat u nofs u erbgha sieghat.

> *"Sirt naf bis-serqa ghax cempilli d-driver f'xi 5:30 am, instema ecitat hafna u informah li t-trailer ma kienx imqabbad mat-trukk. Abela xhed li bghatu biex ifittex l-ghassa tal-Pulizija u jaghmel rapport. F' xi s-7:30/8:00 am, Abela cempel lir-rapprezentant tal-Fert u avzah b'dak li gara u biex imur jassisti naqra d-driver f'din is-sitwazzjoni. Abela xhed illi mar fuq il-post ftit granet wara l-incident in kwistjoni."*- Vide fol. 246

In kontro-ezami a fol. 247 et seq Angelino Abela xehed illi kien ta istruzzjonijiet lid-*driver*, biex isuq ghand l-agent 'Fert', cioe' l-Corso Ewropa, Lainate, itella *trailer* iehor li m'ghandux x'jaqsam ma' dan il-kaz, *"ghaliex ahna dejjem inhallu zewg trailers vojta pparkjati ghand il-'Fert', u ghal kull wiehed li jidhol nirriplacejawh bih, u kellu jorqod ghand tal-'Fert' u fic-cirkwit tal-'Fert', bhal ma jaghmlu s-soltu, ghax hija zona fejn hafna trukkijiet u drivers kienet zona safe hafna."* – Vide fol.249

Dan id-*driver* kien ilu jahdem ma John Abela Limited bejn tlieta u hames snin. Dan d-*driver* kien mar diversi drabi ghand Fert, bhal kull driver iehor tal-kumpanija taghhom, c*ioe'two times a week* ghal perjodu ta' bejn tlieta u hames snin, 'l ghaliex kull *driver* tal-kumpanija taghhom kienu jmorru, mhux biss dan id-*driver*.

Sostna li John Abela Ltd ma jkollhiex informazzjoni dwar il-kontenut tat-*trailer*. Tkun taf biss li jkun '*groupage cargo*'. Minghand il-'Fert' it-*trailer* dejjem ikun issigillat. Meta t-*trailer* ingabar, d-*driver* kellimhom, ikkonfermalhom li kien gabar it-*trailer* u d-dokumenti u li kien ser jistrieh, biex filghodu jsuq lejn il-port ta' Genova kif normalment isir kull gimgha.

Id-*driver* wasal f'xi d-9:00 pm go l-*compound* tal-'Fert'. *"Dan id-driver kien fil-fatt barra mir-recint u l-gate tal-'Fert'. Kien 2 metri ipparkjat barra mir-recint tal-'Fert', fejn hemm hafna floodlights, cameras, etc. L-istruzzjonijiet taghna kienu li d-driver jorqod ghand tal-'Fert', pero' mbaghad jiddependi fuq fejn jghidu tal-'Fert' peress li l-post huwa tal-'Fert'. Iva, jista' jkun li tal-'Fert' jghidulhom jipparkjaw barra mir-recint taghhom. F'din il-pjazzola la hemm hitan, la gradi u lanqas recinti. Tista' ssejhilha 'drive in'. La go din id-'drive in' m'hemm xejn li jzomm il-pubbliku milli jidhol fiha u lanqas fil-compound tal-'Fert' m'hemm xejn li jzomm il-pubbliku milli jidhol jekk il-grada tkun miftuha."*- Vide fol. 249/250.

In ri-ezami xehed illi id-*driver* iffirma CMR, li jkun approvat mill-agent fejn tindika il-*weight* kumplessiv tal-merkanzija u l-kontenut bhala '*groupage cargo*' u n-numru tas-sigill.

**Savo Pecanin** a fol. 254 jikkonferma Dok CA1 bhala r-rapport li ghamel mal-pulizija l-Italja. Qal li huwa ma jitkellimx bit-Taljan izda gharaf il-firma tieghu, ismu, flimkien isem t-*truck*, u isem il-kumpanija. Ikkonferma ukoll Dok CA3 u gharaf il-firma tieghu. Ikkonferma Dok CA2, partikolarkment il-verzjoni bl-ingliz a fol 53 – 56 li huma l-affidavit li ta lis-*surveyor* Taljan.

Savo Pecanin xehed in kontro-ezami a fol. 256 u ikkonferma li l-involviment tieghu beda Liniate, barra mill-bini tal-Fert minn fejn gabar il-konsenja, u illi kien qieghed wahdu bit-truck. Mistoqsi biex jispjega kif it-*trailer* ikun mqabbad ma *mechanical horse* u kif jista' jigi zgancat, wiegeb illi biex tqabbad it-*trailer* wiehed irid jirriversja t-*truck* fuq it-*trailer* sakemm jisma li klikkja; u biex jizgancia, wiehed irid jigbed *lever* u ccaqlaq it-*truck* u li dan isir minn barra. Is-sit ma kienx wiehed maghluq, kulhadd seta'jidhol ghax m'hemmx hitan jew gradi. Qieghed barra mill-bini tal-Fert, fejn issoltu jipparkjaw.

In ri-ezami xehed illi hu kien qieghed ipparkjat bit-trailer flimkien ma xi hames *trucks* ohra u li kien ipparkja f'dan il-post drabi ohrajn qabel l-incident. Qal ukoll li kien hemm fabbriki ohra fil-post fejn ipparkja peress illi hija zona industrijali

**Olvin Galea,** xehed permezz ta' affidavit a fol. 83 illi kien Direttur Manigerjali tal-kumpannija Jet Services Limited, li tahdem fil-qasam tal-'*Freight Forwarding'* u l-istess kumpannija kienet membru tal-*Malta Freighi Forwarding Association*.

Pro-Health Limited inkarigah biex jigbor il-merkanzija taghhom minghand il-kumpannija L-Oreal Slovenja. Ghalhekk inkariga lill-agent taghha l-Italia, ossia Fert International biex tigbor il-merkanzija mis-Slovenja u twassalha sabiex tigi esportata lejn Malta bi *trailers* li kull nhar ta' Gimgha jintbaghtu lejn Malta. Peress li dan huwa trasport bi triq, japplikaw il-kundizzjonijiet CMR u gie anke gie iffirmat dokument f'dan is-sens bejn il-kumpannija l-Oreal u l-agent taghhom Fert International. It-trasport lejn Malta kien *sub-contracted* lill-kumpannija ta' burdnara internazzjonali John Abela Limited li fil-fatt wasslu l-imsemmija merkanzija lejn Malta bi *trailors* taghhom u bin-nies taghhom.

L-merkanzija in kwistjoni, flimkien ma' merkanzija ohra tghabbiet minn Fert International gewwa trailer bin-numru TR 307 tad-ditta John Abela Limited. Hawnhekk wkoll gie iffirmat id-dokument ghal applikazzjoni tal-kundizzjonijiet CMR. Dan il-process kien isir ta kull gimgha u kien il-mod ta kif il-parti il-kbira tax-xoghol jingarr lejn Malta mill-kontinent.

Jet Services Limited kellha kundizzjonijiet tal-garr taghha hekk kif huma determinati mill-*Malta Freight Forwarders Association*. Dawn il-kondizzjonijiet jirregolaw l-prezzijiet taghha bbazati fuq il-piz u d-daqs tal-merkanzija li qeghda tingarr hekk kif iddikjarat fuq id-*Delivery Orders* mahruga minnha u il-*website* tal-kumpannija, u mhux fuq il-valur tal-merkanzija. Pro-Health Ltd kienet minn dejjem infurmatha b'dawn il-kundizzjonijiet. Jet Services Limited dejjem insistiet mal-klijenti taghha li ma taghmilx xoghol ta *Insurance* u theggighom jixtru polza *'comprehensive all risk'*. Kienu gew infurmati minn John Abela Limited li dan it-*trailer* gie misruq minn go Milan u d-*driver* kien irrapporta din is-serqa. Jet Services Limited infurmaw b'dan lil Pro-Health u zammew responsabli lil John Abela Limited.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza maghmula mis-socjeta' attrici assikurattrici sabiex tirrikjama danni sofferti mill-assikurat taghha Pro-Health Limited minghand is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited, (li kienet tqabbdet sabiex iggorr il-merkanzija mis-Slovenia ghal Malta), u minghand is-socjeta' konvenuta John Abela Limited (li kienet giet inkarigata mis-socjeta' konvenuta Jet Services Limited sabiex taffettwa l-istess tragitt lejn Malta); u dan minhabba l-allegazzjoni li l-merkanzija nsterqet waqt li kienet fil-pussess u taht il-kura u kontroll tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom. L-ammont reklamat in linea ta' danni attwali huwa ta' mija wiehed u hamsin elf, hames mija hamsa u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmi (€151,555.89), flimkien ma' l-ispejjez li ntefqu mis-socjeta' attrici bhala drittijiet ghas-*survey* fis-somma ta' tliet elef erbgha mija sebgha u tmenin Ewro (€3487) – u cioe' l-ammont mitlub bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici huwa dak ta' mija hamsa u hamsin elf u tnejn u erbghin Ewro u disgha u tmenin centezmi (€155,042.89).

Illi, hekk kif jirrizulta mill-provi prodotti, il-fatti tal-kawza kienu tali li s-socjeta' Pro-Health Limited kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta Jet Sevices Limited sabiex tigbor il-merkanzija minghand il-fornitur taghha, 'L'Oreal', fis-Slovenia u tittrasportaha sal-imhazen ta' Pro-Health Limited f'Malta. Is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited kienet inkarigat lill-agent taghha 'Fert International' sabiex jigbor il-merkanzija minghand il-fornitur, 'L'Oreal', fis-Slovenia, u ghalhekk l-imsemmi agent

ta' Jet Sevices Limited kien garr il-merkanzija sal-imhazen tieghu, 'Fert', fl-Italja, fejn zammha mahzuna u sussegwentement il-merkanzija kienet giet stivata gewwa trailer tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited, li kienet giet inkarigata mis-socjeta' konvenuta Jet Services Limited sabiex iggorr il-merkanzija mill-inhazen tal-agent ta' Jet Services Limited fl-Italja, sal-imhazen tal-Pro-Health Limited f'Malta. Gara illi filwaqt li l-imsemmija merkanzija kienet fil-pussess tas-socjetajiet konvenuti, l-istess merkanzija kienet insterqet u b'hekk qatt ma waslet Malta.

Illi, fir-risposta guramentata taghha, s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited eccepiet preliminarjament, illi l-merkanzija in kwistjoni kienet insterqet matul it-trasport meta kienet fil-pussess tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited, u li ghalhekk isegwi li s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited ma tista' qatt tkun responsabbli ghal hlas lura, stante li m'ghandha l-ebda htija fl-inkarigi li kellhom jitwetqu. Is-socjeta' konvenuta Jet Sevices Limited, fit-tieni eccezzjoni taghha, eccepiet ukoll illi l-merkanzija in kwistjoni ma kienitx fil-pussess taghha meta insterqet, izda kienet ghand terzi, ossija s-socjeta' konvenuta John Abela Limited.

L-**Artikolu 1037 tal-Kodici Civili**, jistipola:

> *"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi."*

L-istess referenza ghall-**Artikolu 1037 tal-Kodici Civili** saret minn din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha deciza fil-11 ta' Novembru 2013, fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited (C3143), kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha BDS Limited skond il-Ligi u skond il-polza ta' assikurazzjoni u l-istess B.D.S. Limited (C5521) Claim A035143 Msida Road, Gzira vs Allfreight Limited (C3690) u b'digriet tat-3 t'Awwissu 2004 giet kjamata in kawza Palm Shipping Agency *Limited***, li rriteniet:

> *"F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza deciza fl-**10 ta' Ottubru 2003**, fl-ismijiet **Keith Said noe vs Joseph Falzon et noe** f'cirkostanzi ghal kaz in ezami:*
>
> ***"Dan l-artikolu ghalhekk jipprospetta fl-ewwel lok il-possibilita' li minn jiehu xoghol jista' jghaddieh ossia jissubkuntratta dak l-istess xoghol lill-terza persuna. Fit-tieni lok dan l-artikolu, b'rispett lejn il-principju enuncjat fl-artikolu 1031 li "Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" jehles minn responsabilita' ghad-danni lill-kontraent principali, jekk dan juri li l-persuna li huwa jkun inkariga kienet ta' hila u idonea biex tezegwixxi l-inkarigu. B'hekk dik ir-responsabbbilita' tghaddi fuq it-terz hekk inkarigat. Dan ghaliex il-kontraent originali jibqa' responsabbli versu minn qabdu, kemm-il darba ma jurix li dak inkarigat minnu kien ta' hila"*"**

Illi, minn ezami akkurat tal-provi prodotti, jirrizulta li s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited ma ressqet ebda prova biex tissodisfa l-obbligu taghha, u turi li t-terzi persuni, u cioe' s-socjeta' konvenuta John Abela Services Limited kienet ta' hila u idonea sabiex tezegiwixxi l-inkarigu, jew li hija ma kellha ebda raguni tissusspetta li t-terza persuna ma kienitx ta' hila biex tezegwixxi l-inkarigu lilha moghti.

Issa l-**Artikolu 3 tal-Konvenjoni CMR (Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta)**, jipprovdi:

> ***"For the purposes of this Convention the carrier shall be responsible for the acts and omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own."***

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Edward Woods et vs Express Trailers Limited** (deciza fis-27 ta' Frar 2014, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onor Imhallef Lorraine Schembri Orland), saret referenza ghall-istess Artikolu 3 tal-Konvenzjoni CMR, u l-Qorti rriteniet:

> *"Illi f'dan il-kaz is-socjeta' intimata hija "carrier"ai fini tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni CMR u hija tibqa' hekk responsabbli indipendentement mill-fatt illi hija tkun qabbdet persuna ta' hila ghal dak ix-xoghol jew servizz o meno. F'dan is-sens ukoll huma s-sentenza **"George Bonnici et nomine vs Joseph Vella et nomine"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2001); **"Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd"** (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) u **"GasanMamo Insurance Agency Limited nomine vs Sea Malta Company Limited proprio et nomine"** (A.I.C. (PS) – 17 ta' Novembru 2004."*

Illi s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited qed targumenta li la darba s-serq tal-merkanzija in kwistjoni sehh meta l-istess merkanzija kienet fil-pussess tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited, mela allura l-istess socjeta' konvenuta John Abela Limited ghandha tinzamm responsabbli tal-istess danni sofferti mis-socjeta' assikurata. Din il-Qorti[1]ma tikkondividiex ma dan l-argument tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited, stante illi jirrizulta inkontestat mill-provi, li r-relazzjoni kontrattwali kienet dik bejn is-socjeta' assikurata Pro-Health Limited (u ghalhekk is-socjeta' attrici hekk skond is-surroga, Dok.A anness mar-rikors guramentat) u s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited. Il-fatt li l-istess socjeta' konvenuta Jet Services Limited inkarigat lis-socjeta' konvenuta John Abela Limited sabiex iggorr il-merkanzija mis-Slovenia ghall-Malta, ma jfissirx li s-socjeta' konvenuta John Abela Limited b'hekk holqot relazzjoni guridika u kontrattwali mas-socjeta' attrici, u dan anke in vista tal-fatt li l-inkarigu tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited sar direttament u esklussivament maghha u minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta'

[1] Kif ukoll il-Perit Legali

assikurata, Pro-Health Limited, tat il-kunsens taghha sabiex is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited tinkariga lil terzi sabiex iggorr l-istess merkanzija.
Isegwi allura, illi fil-kawza in dezamina, is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited kienet u baqghet responsabbli ghall-merkanzija ghad-durata tat-trasport kollu, la darba, mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kontrattwali kienet ristretta ghas-socjeta' attrici (f'dan il-kaz is-socjeta' assikurata) u s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Benjamin Bonnici nomine vs Francis Vella et nomine** (deciza fit-30 ta' Ottubru 2000, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onor Imhallef Joseph A. Filletti):

> ***"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici (f'dan il-kaz s-socjeta' assikurata) u s-socjeta' konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-konvenuti nomine u t-terz – minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta' attrici (f'dan il-kaz is-socjeta' speditrici) – m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta' attrici (aqra ghal dan il-kaz s-socjeta' assikurata) ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur.............kif kienet tenuta li taghmel...............Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur............ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent."***

Fuq l-istess tezi, fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd** (deciza fit-23 ta' Ottubru 2001, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onor Imhallef Raymond C. Pace), gie ritenut:

> *"Illi huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabbilita' tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjoni jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata (**"Mamo vs Abela nomine"** – A.C. 4 ta' Frar 2000).*
>
> *Illi dawn il-principji kollha japplikaw ghall-kaz in kwistjoni stante li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta' garr ta' merkaznija mill-Ingilterra ghall-Malta kien propju dak bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera indikata fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta hija estraneja ghall-posizzjoni tal-attur f'din il-kawza."*

Vide ukoll s-sentenza fl-ismijiet **George Bonnici et nomine vs Joseph Vella et nomine**(deciza fit-12 ta' Dicembru 2001, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onor Imhallef Raymond C. Pace) u **Paul Musu' et vs Francis Vella nomine** (deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, mill-Qorti ta' l-Appell, presjeduta mill-S.T.O Joseph Said Pullicino, l-Onor Imhallef Carmel A. Agius u l-Onor Imhallef Joseph D. Camilleri)

**L-Perit Legali kienet tal-fehma li l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited kellhom jigu michuda, u milqugha l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited.**

Illi, is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited, fit-tielet eccezzjoni taghha eccepiet li kull xoghol li ghalih giet nkarigata kien dejjem regolat mill-Kap.486 a bazi tal-

kundizzjonijiet CMR, u ghaldaqstant kwalsiasi responsabilita' kellha tigi regolata mill-istess Konvenzjoni CMR u mhux dik mitluba mis-socjeta' attrici; u fil-hames eccezzjoni taghha, hija eccepiet illi ma agixxietx b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'imperizja jew nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni, u ex delictu, ma kienitx responsabbli lejn hadd ghad-danni rikjamati stante li hija u l-impjegati taghha ma agixxewx colpozament jew dolozomanet, izda dejjem agixxew skond dak li tirrikjedi l-ligi.

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet ser jigu ezaminati flimkien.

Il-bazi tar-responsabilita' tat-trasportatur tinsab fl-**Artikolu 17(1) tar-regolamenti ta' CMR**, li jghid:

> *"The carrier shall be liable for the total loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery."*

Is-socjeta' konvenuta Jet Services Ltd qed tecepixxi li m'hijiex responsabbli ghal dak li gara, peress li ma agixxietx b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'imperizja jew nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni. Din id-difiza ssib l-applikazzjoni taghha fl-**Artikolu 17(a) tar-regolamenti ta' CMR**, fejn it-trasportatur hu ezonerat mir-responsabilita' minhabba ***"circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent".***

Illi ghalhekk, fil-kazijiet fejn tigi eccepita l-limitazzjoni tar-responsabbilita' ai termini tal-Konvenzjoni, jinkombi fuq l-istess eccipjent illi jgib l-ahjar prova in sostenn tal-eccezzjoni illi tali nuqqas sehh ghal ragunijiet inevitabbli. Dan huwa rifless fl-**Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni**, li jipprovdi illi:

> ***"The burden of proving that loss, damage or delay was due to one of the causes specified in article 17, paragraph 2, shall rest upon the carrier".***

Skond il-gurista **Jan Ramburg**, il-bazi ta' responsabbilita' enuncjata fis-CMR mhix eskluza billi dak li jkun agixxa diligentement, izda **hemm oneru ikbar mixhut fuq it-trasportatur,** li jrid jiehu l-mezzi kollha biex jevita kull hsara jew serq. Ukoll, l-awtur **S. Zamara**, jghid li:

> ***"the courts have been reluctant to admit as a defense that the carrier has simply not been negligent. Instead, they place a heavy burden on the carrier to show specifically how the unavoidable circumstance caused the loss."***

L-istess inghad mill-awtur **David Glass**, fejn kiteb:

> ***"The carrier cannot hope, simply by showing that ordinary care was taken, to escape liability. He must show that in respect of the particular loss or damage, no failing on his part could have contributed to it. It follows that a high degree of proof is required on his part, normally by proving the actual cause and showing how it arose with no fault on his part."***

Illi ghalhekk logikament, wiehed iqajjem il-mistoqsija: Is-serqa tal-merkanzija in kwistjoni, sehhet minghajr ebda nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta Jet Services Ltd, u ghal ragunijiet kompletament inevitabbli mill-istess socjeta' konvenuta?

Fis-sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc nomine vs M.D. Trucking Limited** (deciza fil-5 ta' Lulju 2005, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onor Imhallef Tonio Mallia), il-Qorti rriteniet illi minhabba l-fatt li l-Italja hu pajjiz maghruf li jigu rraportati hafna serqiet, fl-1981, il-Federazzjoni Internazzjonali tat-Trasportaturi fuq it-Triq (il-FIATA) kienet harget "***notes of guidance***" biex jigu evitati serqiet f'dak il-pajjiz, fejn fost dawn in-noti, fir-rigward tal-prekawzjonijiet li ghandhom jittiehdu qabel ma jibda t-trasport tal-garr, hemm stipulat:

> ***"1. An anti-theft device must be installed in the vehicle which must be used even during the shortest absence of the driver from his vehicle.";***

U fir-rigward tal-prekawzjonijiet li ghandhom jittiehdu matul il-vjagg, hemm stipulat:

> ***"3. Driver must stop AT GUARDED CAR PARKS, even for short breaks (or else relay on the brotherhood of vehicle drivers during the performance of customs and other formalities). In fact in one case, it was held that a road haulier whose vehicle had been left unguarded for two hours on the customs car park an italian border station outside office hours and was stolen, was liable for the theft. The Court decided that the driver did not take adequate safety measures to prevent the theft of the vehicle and could not rely on Art.17.2 of the CMR. That the vehicle was left locked up in a customs area was not sufficient evidence of careful securing.***
>
> ***4. Driver must never STOP IN A REMOTE AREA."***

Sar accenn ghax-xhieda ta' Angelino Abela, a fol. 246:

> ***"Il-vettura li ntuzat f'dan il-kaz hija truck 'Renault Magnum'. Dan huwa wiehed minn flotta ta' sitt trukkijiet li ghandhom kollha l-istess specifications u l-istess sistema ta' l-alarm u stabilizer li jekk ma tistartjax bic-cavetta, bil-pompa tad-diesel ma ttellax diesel."***

Pero kif ben tajjeb osservat s-socjeta' attrici:

> *"s-sistemi ta' sigurta' huma vitali partikolarment fit-trailer u mhux fit-trukk, u dan peress illi bhal fil-kaz odjern, it-trukk ma*

> *kellux ghalfejn jigi startjat u tithaddem il-pompa tad-diesel tieghu biex jinsteraq it-trailer li kien imwahhal mat-trukk."*

Fir-rigward tal-kondizzjoni mehtiega ta' '*anti-theft device'*, il-Perit Legali regghet ghamlet referenza ghax-xhieda tax-xufier Savo Pecanin (Dok.CA2), fejn nonostante l-fatt illi originarjament jista' jkun li kien hemm mezz ta' sigurta' fuq it-*trailer* in kwistjoni, u fil-fatt Savo Pecanin stqarr: "***Trailer was provided with an antitheft device on the fifth wheel lock...“That was taken off by Mr Goran when I arrived with my tractor.”*****u *“My tractor had no antitheft device.”*-** Vide Dok CA(2).

Illi ghalhekk, jirrizulta ben car mill-provi, illi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji, u **cioe' dik ta' mezz ta' sigurta' bazika u essenzjali, ma kienitx ezistenti.** Il-Perit Legali accennat ghal *guidelines* indikati fis-sentenza fl-ismijiet ***Middlesea Insurance plc nomine vs M.D. Trucking Limited,*** fejn il-Qorti riteniet illi:

> ***"Dawn il-guidelines fil-fehma ta' din il-Qorti ghandhom jigu addattati b'mod generali f'kull kaz ta' trasport ta' merkanzija fuq l-art. Din il-Qorti tqies dawn il-mizuri bhala necessarji biex trasportatur ikun jista' jipprova jehles mir-responsabilita'; dawn il-mizuri, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom jitqiesu bhala sine qua non ghal kull vjagg, u n-nuqqas tat-trasportatur li jadopera xi wahda minn dawk il-mizuri, ghandha twassal ghall-konkluzzjoni li t-trasportatur ikun responsabbli ghal dak li jigri. Fi kliem iehor, din il-Qorti tqis dawk il-guidelines bhala li ghandhom jigu segwiti u adoperati f'kull kaz ta' trasport fuq l-art, u n-nuqqas li jigu adoperati dawk il-mizuri ta' sigurta', ikun necessarjament ifisser li l-att tat-terzi ma jkunx jista' jitqies bhala wiehed "which literally 'could not' be avoided by the carrier","***

Linja gwida ohra li giet ezaminata fil-kawza in kwistjoni, hija dik li taghmel referenza ghall-fatt li x-xufier ghandu jieqaf gewwa "GUARDED CAR PARKS" u li ma ghandu qatt jieqaf "IN A REMOTE AREA". Angelino Abela a fol. 249 stqarr hekk:

> *"Id-driver wasal f'xi d-9:00 pm ghand tal-'Fert'. Iva mela, go l-compound tal-'Fert'. Dan id-driver kien fil-fatt barra mir-recint u l-gate tal-'Fert'. Kien 2 metri ipparkjat barra mir-recint tal-'Fert', fejn hemm hafna floodlights, cameras, etc. L-istruzzjonijiet taghna kienu li d-driver jorqod ghand tal-'Fert', pero' mbaghad jiddependi fuq fejn jghidu tal-'Fert' peress li l-post huwa tal-'Fert'. Iva, jista' jkun li tal-'Fert' jghidulhom jipparkjaw barra mir-recint taghhom. F'din il-pjazzola la hemm hitan, la gradi u lanqas recinti. Tista' ssejhilha 'drive in'. La go din id-'drive in' m'hemm xejn li jzomm il-pubbliku milli jidhol fiha u lanqas fil-compound tal-'Fert' m'hemm xejn li jzomm il-pubbliku milli jidhol jekk il-grada tkun miftuha."*

Illi ghalhekk, jirrizulta ampjament car mill-provi prodotti, illi l-post fejn ix-xufier waqaf, u minn fejn sussegwentement sehhet is-serqa tal-merkanzija, **certament ma kienitx *"guarded car park*"**, u certament **ma kienx post adegwat ghall-waqfien**, la ghal perjodu ta' zmien qasir, wisq inqas ghall-lejl shih. Jirrizulta illi tali post, ma kienx post sigur u bl-ebda mod ma kien post b'sorveljanza kontinwa. In fatti l-post ma kienx wiehed maghluq ghall-pubbliku, tant illi x-xufier stess, Savo Pecanin, fix-xhieda tieghu in kontro-ezami fis-seduta mizmuma fid-9 ta' Mejju 2013 quddiem l-Perit Legali, stqarr: "***This area I'm describing is not a closed area, anyone can just walk in, no walls or gates."***

In fatti Gaston DeGiovanni, s-*surveyor* li tqabbad mis-socjeta' attrici, stqarr:

> *"Fir-rapporti tieghi jiena kont irrilevajt illi t-trasportatur ma kienx prudenti meta kien qed jopera trailer minghajr ebda mizuri kontra s-serq, partikolarment meta wiehed jikkonsidra l-entita' tal-vjagg, illi parti mit-tragitt kien fl-Italja fejn tirrizulta incidenza kostanti u qawwija ta' serq minn trailers u peress illi mezzi kontra s-serq huma facilment u liberament a disposizzjoni. Partikolarment meta wiehed jikkonsidra illi t-trailer ma kellux*

*mezzi kontra s-serq, li ma jirrizultax li s-sewwieq tat-trailer kien akkompanjat waqt it-tragitt u li gjaladarba s-sewwieq kien jaf li kien ser jieqaf ghall-lejl, dan messu ghamel l-arrangamenti mehtiega sabiex it-trailer jigi pparkeggjat f'lok appozitu, b'mod illi jkun adegwatament u kontinwament sorveljat u mhux jhalli t-trailer fit-triq. Filfatt irrizulta illi t-trasportatur l-anqas ma ha dawn il-mizuri bazici u elementari li huma meqjusa necessarji minn kull trasportatur ta' merkanzija."*

Il-Perit Legali accennat ghal dak sollevat minn Jet Services Limited, fin-nota finali:

*"Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita' izda n-nuqqas ta' kontributorjeta' tad-danni eventwali...Il-forza magguri hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri 'kaz fortuwitu' huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Il-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita' tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni. Illi l-esponenti jikkonkludi li l-kaz kien wiehed ta' wilful misconduct ta' l-intimat John Abela Limited u mhux ta' forza maggura. Illi ghalhekk ir-responsabilita' totali hija ta' l-intimat John Abela Limited."*,

Fis-sentenza fl-ismijiet **George Bonnici et nomine vs Joseph Vella et nomine,** gie ritenut:

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-prova s-socjeta' konvenuta ma ghamlithiex, anzi l-kaz taghha huwa aggravat mill-fatt li skond l-artikolu 29 tal-istess CMR Rules jipprovdi li:-*

*"1. The carrier shall not be entitled to avail himself of the provisions of this chapter which exclude or limit his liability or*

> *which shift the burden of proff if the damage was caused by his willful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seized of the case, is considered as equivalent to willful misconduct.*
> *2. The same provision shall apply if the willful misconduct or default is committed by the agents or servants of the carrier or by other persons of whose service he makes use of for the performance of the carriage...................."*
>
> *...................Illi f'dan il-kaz jidher li kien hemm wilful misconduct da parte tal-impjegati tal-agenti tas-socjeta' kjamata fil-kawza, ghaliex fil-fatt sar serq mill-persuni li suppost kellhom l-obbligu li jindukraw l-istess merkanzija, u la darba "wilful misconduct" hu definit bhala "knowingly doing the act, knowing of the probability of damage", li thalli dan is-serq isir f'cirkostanzi meta qieghed hemm sabiex izomm il-pussess tieghu u tiehu kura tieghu, tammonta certament ghal "wilful misconduct".*
>
> *Illi kwantu ghar-responsabbilita' tal-kjamata fil-kawza apparti il-fatt li r-relazzjoni tal-istess hija biss mas-socjeta' konvenuta, li jista' jkollha dritt ta' rivalsa kontra taghha, din hija regolata bejn l-istess socjeta' konvenuta u l-istess kjamata fil-kawza ai termini tal-polza ta' karigu ta' bejniethom......"*

L-istess insenjament tal-Qorti jinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc nomine vs M.D. Trucking Limited**),

> ***"Is-serq, skond l-awturi fil-materja, mhux oggettivament adegwat biex jevita li l-htija tintefa' fuq it-trasportatur, izid irid jirrizulta li ttiehdu l-mizuri kollha adegwati biex jigi evitat serq".***

Fil-kawza in dezamina, jirrizulta car daqs il-kristall, illi s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited ma haditx dawn il-mizuri, u kwindi, l-istess socjeta' konvenuta hija responsabbli ghan-nuqqasijiet, u dana in vista ta' dak osservat fi hdan ir-rapport, li l-kuntrattur tat-trasport huwa responsabbli ghall-atti jew ommissjonijiet tan-nies imqabbda minnu. Nonostante l-fatt illi s-socjeta' konvenuta Jet Services Limited ikkonkludiet fin-nota finali taghha, li *"l-kaz kien wiehed ta' wilful misconduct ta' l-intimat John Abela Limited u mhux ta' forza magguri"* u li ghalhekk *"ir-responsanilita totali hija ta' l-intimat John Abela Limited"*, il-Perit Legali astieniet milli tindaga dwar ir-responsabilita' interna bejn is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited u s-socjeta' konvenuta John Abela Limited, u dana stante li l-kuntratt ta' trasport inghata lis-socjeta' konvenuta Jet Services Limited, u ghalhekk kienet din is-socjeta' konvenuta li kienet responsabbli ghan-nuqqas ta'adempjiment t'obbligi minnha asunti.

**Illi ghalhekk, il-Perit Legali kkonkludiet illi t-tielet u l-hames eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited kellhom jigu michuda.**

Illi, is-socjeta' konvenuta Jet Services Limited, fir-raba' eccezzjoni taghha eccepiet li s-*surveyor* stess jghid li l-ammont assikurat ma jecedix Lm50,000 (il-hamsin elf Lira Maltin).

Il-Perit Legali cahdet din l-eccezzjoni u ghamlet referenza ghax-xhieda ta' Joseph Mangion a fol. 42, fejn huwa spjega li:

> *"Is-socjeta' Pro Health Limited kienet akkwistat merkanzija konsistenti f'cosmetics u prodotti relatati, liema merkanzija giet assigurata ma' Atlas Insurance PCC Limited taht Marine Open Cover Policy in konnessjoni mat-tragitt relattiv lejn Malta. L-assigurata taghna kienet ghamlet claim maghna, peress illi Jet Services Limited kienet infurmatha illi l-imsemmija merkanzija kienet insterqet fit-28 ta' Gunju 2008, waqt it-tragitt relattiv. Ahnda ghalhekk konna inkarigajna lil Gaston DeGiovanni ta' A.P. Services bhala surveyor sabiex jinvestiga l-claim relattiva*

> *u sussegwentement kien ipprovdielna ir-rapporti relattivi. Mir-rapporti kien irrizulta illi Jet Services Limited kienet minn naha taghha inkarigat lil John Abela Limited sabiex tigbor u ggor il-merkanzija. Il-valur tal-merkanzija li kienet insterqet u tappartjeni lill-assigurata taghna, kien ta' €151,555.89c. In vista tal-fatt illi l-polza relattiva kienet wahda tat-tip marine open cover il-kopertura relattiva tkun ghall-valur tal-merkanzija kif dikjarat lilna mill-assigurat taghna u filfatt il-premium illi kien thallas kien propju fuq is-somma ta'€151,555.89c. Ghaldaqstant, b'rizultat tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni, fl-1 ta' Settembru 2008, Atlas Insurance PCC Limited kienet ikkompensat lill-assigurata taghha Pro Health Limited tat-telf li hija garbet, u cjoe' l-valur tal-merkaznija relattiva, fis-somma ta' €151,555.89c u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha (kif jirrizulta mis-subrogation form Dok.A). Atlas Insurance PCC Limited kienet hallset ukoll is-somma ta' €5,122 lil A.P. Services bhala survey fees u cjoe' in konnessjoni mar-rapporti dwar dan it-tragitt.....(Dok.JM1 hawn anness).”*

L-istess gie kkoroborat mix-xhud Andrew Paris u x-xhud Gaston DeGiovanni.

Skond il-prattika tal-Qrati taghna, dejjem gie ritenut illi spejjez relatati ma' *surveys* kienu ammissibbli u ghalhekk setghu jigu rimborsati minghand il-kontro-parti, stante illi l-isharrig necessarju kien mehtieg biex iwassal ghall-quantum gust ta' danni u jaghtu stampa cara tac-cirkostanzi li wasslu ghall-*claim*.

**Il-Perit Legali kienet tal-fehma li r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited kellha tigi michuda.**

**Ikkonsidrat;**

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

**Ikkonsidrat;**

Fit-trattazzjoni taghha, is-socjeta ntimata Jet Services Limited argumentat illi ghalkemm mhux qed tikkontesta illi kien hemm xi negligenza u imperzija da parti ta' John Abela Limited, it-tort tas-serqa in ezami ghandu jkun imputabbli fit-totalita'

tieghu fuq John Abela Limited waqt li Jet Services Limited kellha tigi liberata mill-konsegwenzi tan-negligenza u imperizja.

Il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta ntimata John Abela Limited ma assumiet l-ebda obbligazzjoni kontrattwali fil-konfront tas-socjeta rikorrenti, izda dahhlet biss fi ftehim mas-socjeta ntimata Jet Services Limited ta' subappalt ghat-trasport fuq l-art tal-merkanzija. Kienet is-socjeta Jet Services Limited pero it-trasportatur responsabbli ghal konsenja tal-merkanzija fil-konfront tas-socjeta Pro-Health Limited u tibqa' hekk responsabbli indipendentement mill-fatt illi tkun qabdet persuna ohra ghal dak ix-xoghol jew servizz. Dan skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell f'kaz fejn, mhux biss huma kwazi identici il-fatti, izda jinvolvi anke l-istess socjetajiet intimati.[2]

Filfatt hemm gurisprudenza kopjuza li tishaq proprju dan il-fatt. Fis-sentenza **Middle Sea Insurance Limited vs Express Trailers Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell intqal illi t-trasportatur, u cioe **is-socjeta Jet Services Limited**:

> *"... **tassumi r-responsabbilta` ghal dak kollu li s-sub-kuntrattur jaghmel ghan-nom taghha**. Debitur ta' obbligazzjoni ma jistax jipprova jehles mill-konsegwenzi tal-inadempjenza tieghu billi jwahhal f'xi hadd li qabbad biex jghinu fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt. F'dan is-sens huma wkoll is-sentenzi Abela v. S. Mifsud & Sons Ltd deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001, u Gasan Mamo Insurance Agency Ltd noe v. Sea Malta Co Ltd, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-17 ta' Novembru 2004. F'dan il-kuntest, allura, din il-Qorti tara li **l-istess socjeta` konvenuta kienet u baqghet responsabbli ghat-tragitt kollu minn Malta lejn l-Ingilterra, inkluz meta t-trailer kien fil-pussess ta' terzi ghall-parti mill-vjagg** u, cioe`, sal-port ta' Genoa fl-Italia."*

Illi fuq din il-linja ta' hsieb il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Gasanmamo Insurance plc vs Express Trailers** deciza fis-17 ta Novembru 2004 iddikjarat lit-trasportatur unikament responsabbli ghad-danni subiti mill-kijenta taghha ghaliex:

---

[2]**Petnutrition House Limited vs Jet Services Limited et,** Qorti tal-Appell Civili deciz 24 ta' Gunju 2015.

> ***"Jekk hi jidhrilha ... li ghandha zzomm dan l-operatur taghha responsabbli ghan-negligenza tieghu, qua depozitarju tal-kariku, dan tista' taghmlu liberament, imma dan ma jgibx ukoll illi hi skansata minn htija fil-konfront ta' l-importatur tal-merce jew ta' l-assiguratur tieghu. Ir-rizultat del facere jew del non facere ta' l-operatur gie sew stabbilit. Rizultat li kien kontrattwalment jinteressa ir-relazzjoni interkorrenti bejn is-socjeta` appellanti u l-istess operatur. Rizultat li gab mieghu f' termini rizarcitorji dannu lit-terz li kien estraneu ghal dik l-istess relazzjoni."***

Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi is-socjeta ntimata Jet Services Limited hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti. **Dan naturalment b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lis-socjeta Jet Services Limited fil-konfront tas-socjeta appellanti in konnessjoni ma' dina l-vertenza.**

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-imghax, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq materja simili inghad illi l-fatt li l-attur jinterpella lill-konvenut gudizzjarjament ghall-hlas ta' somma determinata u specifika:

> ***"jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora""***[3]

Ma jirrizultax pero mill-atti, li s-socjeta rikorrenti fil-fatt baghtet ittra ufficjali lis-socjeta Jet Services Limited sabiex tinterpellaha tersaq ghall-hlas tal-ammont pretiz minnha. Ghalhekk skont il-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna, l-imghax ghandu

---

[3] **Fogg Insurance Angies Limited noe vs Paul Tabone**, Qorti tal-Appell Civili deciz 17 ta' Frar 2003.

jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat, u cioe id-data tal-ewwel notifika ta' interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas.[4]

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta John Abela Limited u tilliberaha mill-osservana tal-gudizzju, tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess socjeta'; tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta Jet Services Limited; tilqa it-talbiet tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tas-socjeta Jet Services Limited u

1. Tiddikjara lis-socjeta Jet Services Limited responsabbli ghad-danni subiti mill-assigurata tas-socjeta rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti fis-somma ta' ***mija u wiehed u hamsin elf, hames mija u hamsa u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmi (€151,555.89);

3. Tikkundana lis-socjeta Jet Services Limited thallas is-somma ta' ***mija u wiehed u hamsin elf, hames mija u hamsa u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmi (€151,555.89) lis-socjeta rikorrenti bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat u cioe mid-9 ta' Settembru 2009 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra Jet Services Limited.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

---

[4] Cioe' 9 ta' Settembru 2009 – Vide dorso a fol. 23

**Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-15 t'April 2016 a tenur tal-Artikolu 825 tal-Kapitolu 12;**

Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi tordna korrezzjoni fis-sentenza sabiex l-ammont li jidher fit-tieni u tielet talba tad-decide tas-sentenza indikata ikun dak ta' mija hamsa u hamsin elf, tnejn u erbghin Ewro u disgha u tmenin centezmu (**€155,042.89)** sabiex ikunu inkluzi tlett elef erbgha mija, sebgha u tmenin Ewro (€3,487) spejjez ta' *survey fees* zborzati mis-socjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**
**15 t'April 2016**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**
**15 t'April 2016**